# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' April 2025**

**Numru: 21**

**Rikors numru 478/2021/1 MH**

**Maria Celina Benn**

**v.**

**Louis Ebejer, Mary Anne Ebejer u l-Avukat tal-Istat**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-Avukat tal-Istat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar, 2024, li sabet li matul il-perjodu bejn it-30 t'April 1987 u t-28 ta' Mejju 2021, il-lokazzjoni tal-fond 13, Triq San Mikiel, Marsa favur l-intimati Ebejer kif protetta bl-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"], tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti mħarsa bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni

tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u konsegwentement ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallasha kumpens ta' €26,182.77 bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji.

2. L-appell tal-Avukat tal-Istat huwa dwar il-likwidazzjoni tad-danni non-pekunjarji.

**Preliminari**

3. Il-fatti li wasslu għall-kawża tal-lum ġew imfissra hekk fir-rikors promotur:

> *"1. Illi r-rikorrenti hija proprjetarja unika tal-fond 13, Triq San Mikiel, Marsa, li hija akkwistat per via di successione mill-eredità tal-mejjet missierha Anthony Mifsud, li miet fil-21 ta' Lulju 2000, skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A".*
>
> *2. Illi l-wirt iddevolva fuqha ab intestato bhala l-unika wild tieghu u b'dikjarazzjoni causa mortis tas-26 ta' Settembru 2000 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone, hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument B", hija ddikjarat il-proprjeta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u hallset it-taxxa relattiva ai termini tal-Ligi.*
>
> *3. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirrizulta mid-"Dokument C" hawn anness.*
>
> *4. Illi l-imsemmi fond ilu mikri lill-konjugi Ebejer bil-kera mizera ta' Lm40.00c fis-sena, wara li kien gie hekk lokat lilhom mill-antekawza tar-rikorrenti, ossia l-mejjet missierha Anthony Mifsud, u dan cirka sittin sena ilu, lil omm Mary Anne Ebejer, u bl-Att X tal-2009 il-kera saret €209.64c fis-sena, b'awmenti tenwi kull tlett snin skond l-oghli tal-hajja."*

4. Fil-15 ta' Lulju 2021 ir-rikorrenti ppreżentat għalhekk dawn il-proċeduri fejn allegat li hija ġarrbet ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha

kif protetti bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex:

> *"**(I)** **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qieghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Louis Ebejer (K.I. 333450M) u Mary Anne Ebejer (K.I. 240747M) Emanuela Calleja (K.I. 97738M) ghall-fond 13, Triq San Mikiel, Marsa, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ghandha tinghata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi.*
>
> ***(II)*** ***Tiddikjara u Tiddeciedi** illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Ligijiet ta' Malta talli ma nzammx bilanc u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi.*
>
> ***(III)*** ***Tillikwida** l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Ligi.*
>
> ***(IV)*** ***Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> ***Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni."***

5. B'risposta ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2021[1], l-inkwilini Ebejer sostanzjalment wieġbu illi huma mhumiex il-leġittimi kontradditturi f'kawża ta' din ix-xorta u li kwalunkwe rimedju għall-allegat ksur għandu jingħata mill-intimat Avukat tal-Istat. Wieġbu wkoll li filwaqt li r-rikorrenti utilizzat ir-rimedju ordinarju prevvist fil-liġi u ppreżentat il-proċeduri bin-numru

[1] Fol. 18 *et seq*.

347/2021 CG1 fl-ismijiet **Maria Celina Benn vs Louis Ebejer et** għal żieda fil-kera, ma stennietx l-eżitu ta' dik il-kawża qabel ma pproċediet b'din il-lanjanza.

6. Permezz ta' risposta preżentata fit-22 ta' Novembru 2021[2] l-Avukat tal-Istat *inter alia* wieġeb illi r-rikorrenti trid iġġib prova sodisfaċenti kemm dwar it-titolu tagħha fuq il-fond in kwisjtoni u kif ukoll li l-kirja hija protetta bil-Kap. 69. Fil-mertu, ċaħad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-fatt u fid-dritt.

7. B'sentenza mogħtija fit-9 ta' Frar, 2024 ["is-sentenza appellata] l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi:

> *"1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat enumerati wieħed, tnejn u sitta, tilqa' l-eċċezzjonijiet enumerati minn tmienja sa ħdax filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż;*
>
> *2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati Ebejer enumerati ħdax u tnax filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħhom ħlief safejn kompatibbli ma' dak deċiż;*
>
> *3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti bl-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja fir-rigward tal-fond 13, Triq San Mikiel, Marsa. Dan għall-perjodu mit-30 t'April 1987 sat-28 ta' Mejju 2021;*
>
> *4. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-ksur ta' drittijiet fundamentali kif ingħad fis-sentenza;*

[2] Fol. 21 *et seq*.

*5. Tilqa' l-bqija tat-talbiet tar-rikorrenti kontra l-Avukat tal-Istat u dan billi tillikwida l-kumpens globali ta' sitta u għoxrin elf mija u tnejn u tmenin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€26,182.77) a favur ir-rikorrenti in kwantu għal sittax -il elf mija u tnejn u tmenin Ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€16,182.77) bħala danni pekunarji u in kwantu għal għaxart elef Ewro (€10,000) bħala danni non-pekunarji.*

*6. Tordna lill-Avukat tal-Istat iħallas tali kumpens lir-rikorrenti flimkien mal-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax legali li jibda jiddekorri mill-lum."*

8. Safejn rilevanti għal dan l-appell, il-Qorti tal-ewwel grad ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq s-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Kif deċiż fis-suespost, il-kumpens lir-rikorrenti ser jiġi akkordat mit-30 t'April 1987 sat-28 ta' Mejju 2021 a bażi tal-valutazzjonijiet li saru mill-perit tekniku Nicholas Mallia –*

*Mit-30 t'April 1987 sal-31 ta' Diċembru 1987 - €3,264*
*Mill-1988 sal-1991 - €1,632*
*Mill-1992 sal-1996 - €2,603.61*
*Mill-1997 sal-2001 - €3,322.95*
*Mill-2002 sal-2006 - €4,241.01*
*Mill-2007 sal-2011 - €5,412.73*
*Mill-2012 sal-2016 - €6,908.16*
*Mill-2017 sal-2020 - €8,109.80*
*Mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Mejju 2021 - €831.20*
***Total: €36,325.46***

*Issa skont l-insenjament tal-ġurisprudenza suespost, minn din is-somma ta' €36,325.46 ser isir tnaqqis ta' 30% li tagħmel tajjeb għall-għan leġittimu tal-liġi mpunjata u ċioe tnaqqis ta' €10,897.64. Mela s-somma issa hija ta' €25,427.82. Minn din is-somma ser jerġa jitnaqqas 20% sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi r-rikorrenti kien jirnexxilha żżomm il-proprjeta` mikrija tul iż-żmien relevanti kollha għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. 20% ta' €25,427.82 hija €5,085.56. Għalhekk iċ-ċifra tiġi €20,342.26.*

*Minn din is-somma ta' €20,342.26 għandha titnaqqas il-kera mħallsa mill-inkwilin matul il-perjodu msemmi. Mill-provi mressqa jirriżulta li tħallset is-somma ta' €4,159.49 bħala kera.*

*Mela **s-somma ta' kumpens pekunarju hija ta' €16,182.77**.*

***Il-Qorti tqis li għandha tillikwida wkoll is-somma ta' €10,000 bħala kumpens non-pekunarju għal perjodu msemmi.***

*Dan il-kumpens għandu jagħmel tajjeb għalih l-Avukat tal-Istat flimkien mal-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax legali li jibda jiddekorri mill-lum."*

## L-Appell

9. B'rikors ippreżentat fid-29 ta' Frar 2024[3], l-Avukat tal-Istat appella minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn huwa ġie kkundannat sabiex iħallas lir-rikorrenti kumpens għal danni non-pekunjarji fis-somma ta' €10,000 u talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

> *"tvarja l-ammont ta' danni non pekunjarji minn €10,000 għal ammont ferm inqas, li jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, u konsegwentement tirrevedi wkoll l-ammont globali ta' kumpens dovut, u tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kumplament tagħha sa fejn kompatibbli mal-aggravju tal-appell odjern, b' dan illi l-ispejjeż ta' din l-istanza jiġu akkollati lill-appellata."*

10. Dan għar-raġuni illi:

> *"10. ... ir-rikorrenti ħadet il-fond f' idejha fl-2012, wara l-mewt ta' ommha, u l-ġenituri tagħha ma kienu ħadu ebda azzjoni biex jgħollu l-kera jew biex jiżgumbraw lill-inkwilini. Kien biss reċentement, wara li bdew jinfetħu bosta kawżi ta' din ix-xorta, li r-rikorrenti appellata kellmet avukat u ħadet azzjoni biex tirċievi kera ogħla;*
>
> *11. Illi meta wieħed iqis li l-Ewwel Qorti akkordat kumpens non-pekunjarju fl-ammont ta' €10,000 fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern, jara li effettivament tagħat lir-rikorrenti appellata madwar €1,000 bħala kumpens annwali għal danni morali;*
>
> *...*
>
> *16. Illi pertinenti ħafna għal dan il-każ hija s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet* ***Maria Celina Benn vs Avukat tal-Istat u Emanuela Calleja (K.I. nru. 97738(M))*** *fejn l-istess rikorrenti ingħatat €1,500 bħala danni non-pekunjarji f' ċirkostanzi identiċi għal dawk tal-każ odjern u fuq proprjetà simili, fejn il-kumpens pekunjarju akkordat mill-Qorti kien dak ta' €113,662. Ir-rikorrenti kienet*

[3] Fol. 172 *et seq*.

*kuntenta bil-kumpens li rċeviet tant li ma ntavolat ebda appell u għalhekk is-sentenza għaddiet in ġudikat*[4]*;*

*...*

*20. ... la darba l-omm ġiet neiqsa fl-2012 u r-rikorrenti xehdet li effettivament bdiet tamministra dan il-fond u tirċievi l-kera tiegħu fl-2012, meta mietet ommha, huwa l-perjodu li jkopri mill-2012 sa Mejju 2021 li kellu jittieħed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-finijiet tal-komputazzjoni tal-kumpens non-pekunjarju ...*

*23. ... fl-umli fehma tal-esponent appellant, l-ammont ta' danni non pekunjarji ... m'għandux jaqbeż ... €1,500 ..."*

11. Min-naħa tagħha, ir-rikorrenti wieġbet permezz ta' risposta ppreżentata fl-14 ta' Marzu 2024[5] fejn tgħid li hija wirtet in-*nuda proprjetà* tal-fond sħiħ fis-sena 2000 u għalhekk hija s-sid tal-istess għal aktar minn 21 sena. Kwantu għall-fatt li mal-mewt ta' missierha ommha wirtet l-użufrutt tal-istess ir-rikorrenti tgħid li, minkejja li ommha kienet tipperċepixxi l-kirjiet, il-fond kienet tamministrah hi u f'kull każ eventwalment hija wirtet lil ommha wkoll. Għalhekk, filwaqt li tikkwota diversi każijiet fejn din il-Qorti akkordat kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €10,000, f'liema każijiet il-kumpens ma ġiex kontestat mill-Avukat tal-Istat, tisħaq li l-kumpens non-pekunjarju akkordat lilha f'dan il-każ huwa wieħed ġust u ekwu. Tikkonkludi għalhekk li l-appell tal-Avukat tal-Istat għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż kontrih.

---

[4] Rikors Numru 479/2021 LM deċiż fil-15 ta' Lulju 2022.
[5] Fol. 181 *et seq*.

**Konsiderazzjonijiet**

12. Id-danni non-pekunjarji jirriflettu t-tbatija morali li tkun ġarrbet personalment il-vittma ta' ksur ta' drittijiet fundamentali[6]. Għalhekk, a differenza tad-danni patrimonjali, id-danni morali ma jintirtux[7].

13. Ir-rikorrenti saret sid il-kera wara li mietet ommha fis-sena 2012[8]. B'hekk, kwalsiasi danni morali dovuti lilha huma limitatament minn dik id-data sat-28 ta' Mejju 2021 meta, skont is-sentenza appellata, intemm il-ksur. Perjodu allura ta' madwar disa' snin.

14. Ifisser dan li l-kumpens non-pekunjarju akkordat mill-Ewwel Qorti, fis-somma ta' €10,000, jammonta għal aktar minn elf ewro fis-sena. Filwaqt li l-Ewwel Qorti tgawdi minn ċertu diskrezzjoni meta tiffissa l-kumpens non-pekunjarju, min-naħa l-oħra hu soġġett għar-reviżjoni ta' din il-Qorti. L-Ewwel Qorti ma spjegatx għalfejn akkordat somma daqstant għolja bħala kumpens mhux pekunjarju, iktar u iktar meta tikkunsidra li r-rikorrenti saret sid fis-sena 2012.

---

[6] **Celine Farrugia pro et noe et v. Avukat tal-Istat et**, deċiż minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu 2025 (Rikors numru 483/2021/1 FDP)

[7] Ara fost ħafna sentenzi oħrajn **Josephine Bonello et v. Avukat tal-Istat et**, deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta' Marzu 2025; **Marcus Scicluna Marshall et v. L-Avukat tal-Istat**, deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2024; **Maria Stella sive Mary Pace v. L-Avukat tal-Istat et**, deċiża minn din il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2024; **Joseph Muscat Azzopardi et v. Avukat tal-Istat et**, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2024; **Mary Rose Agius v. Avukat tal-Istat et**, deċiża minn din il-Qorti fl- 4 ta' Novembru, 2024; **L-Avukat Peter Borg Costanzi noe et v. Maria Carmela sive Marlene Bonnici et**, deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2022

[8] Fol. 108 *overleaf*

15. Fil-kawża fl-ismijiet **B. Tagliaferro & Sons Limited (C-817) v. L-Avukat tal-Istat et**, deċiża fit-12 ta' Lulju 2023, din il-Qorti diġà esprimiet ruħha fis-sens illi:

> *"Dwar il-kumpens non-pekunarju, il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument tal-attriċi li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*

16. Prinċipju li ġie mtenni fis-sentenzi fl-ismijiet **Rita Rizzo u Martha Rizzo v. L-Avukat tal-Istat et** deċiża minn din il-Qorti fis-26 ta' Frar 2024[9] u **Josephine Bonello et v. Avukat tal-Istat et** deċiża fit-3 ta' Marzu 2025[10].

17. F'dan il-każ partikolari ma jirriżultax li r-rikorrenti sofriet xi *hardship* partikolari marbut mal-protezzjoni tal-kirja hawn in kwistjoni matul il-perjodu li hija kienet personalment sid il-kera. Min-naħa l-oħra, jirriżulta wkoll[11] li fil-15 ta' Lulju 2021, jiġifieri ftit wara li daħal fis-seħħ l-Artikolu 4A tal-Kap. 69, ir-rikorrenti kienet pronta li tipproċedi *a tenur* tal-istess quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera[12].

---

[9] Rikors numru 622/2021/1 LM
[10] Rikors numru 117/2021/1 FDP
[11] Mis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera bin-numru 347/2021 CG1 fl-ismijiet **Maria Celina Benn vs Louis Ebejer et** mogħtija fit-23 ta' Mejju 2022
[12] Li bis-sentenza li hawn fuq ċitata awmenta l-kera tal-fond għal €3,500 fis-sena

18. Jitqies ukoll li fl-aħħar mill-aħħar l-Ewwel Qorti ffissat kumpens pekunjarju fis-somma ta' €16,182.77. Minnhom madwar €7,000 jirreferi għall-perjodu meta l-awtriċi tar-rikorrenti kienet sid. Perjodu li fih ir-rikorrenti m'għandhiex jedd titlob il-kumpens mhux pekunjarju. Min-naħa l-oħra l-bilanċ ta' ċirka €10,000 jirreferi għall-perjodu mis-sena 2012 sa Mejju 2021 u li matulu r-rikorrenti kienet is-sid tal-fond. Għalhekk kumpens mhux pekunjarju ta' €10,000 hu eċċessiv.

19. Fit-tweġiba tal-appell tagħha r-rikorrenti kkwotat każijiet oħra fejn ingħataw danni morali fis-somma ta' €10,000. Bla ħsara għall-fatt li kull każ għandu l-fattispeċi partikolari tiegħu, il-Qorti żżid illi:

- fil-proċeduri **<u>Michael Zammit et v. L-Avukat tal-Istat et</u>** (224/20/1 ISB) din il-Qorti ma ppronunzjatx ruħha dwar id-danni morali billi ma sar ebda appell dwar hekk;

- fil-proċeduri **<u>Rita Rizzo et v. L-Avukat tal-Istat et</u>** (622/2021/1 LM) appellaw biss ir-rikorrenti li riedu danni morali ogħla iżda din il-Qorti ċaħdet tali pretensjoni;

- fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Catherine Cauchi v. Remigio Cassar et</u>** (315/2020/1 AF) appellat biss ir-rikorrenti dwar il-

kumpens pekunjarju. B'hekk din il-Qorti ma ppronunzjatx ruħha dwar id-danni morali.

20. Saret ukoll referenza għas-sentenza numru 479/2021 LM fl-ismijiet **Maria Celina Benn vs. Avukat tal-Istat et**, deċiża fil-15 ta' Lulju, 2022 fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili akkordat lir-rikorrenti €1,500 f'danni non-pekunjarji. F'dak il-każ iżda, ma sarx appell lil din il-Qorti.

21. Il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kumpens mhux pekunjarju ta' elf ewro (€1,000) hu biżżejjed.

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-Avukat tal-Istat u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. Tħassar is-sentenza appellata safejn illikwidat danni non-pekunjarji favur ir-rikorrenti fis-somma ta' €10,000 u tipprovdi minflok billi tillikwida d-danni non-pekunjarji dovuti lir-rikorrenti fis-somma ta' elf ewro (€1,000), u konsegwentement tipprovdi illi l-kumpens globali li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jħallas lir-rikorrenti huwa fis-somma ta' sbatax-il elf, mija u tnejn u tmenin

ewro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€17,182.77) u tikkonfermaha fil-kumplament.

L-ispejjeż tal-appell huma a karigu tar-rikorrenti li hi sid il-kera.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss